MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 1314/1995/1

**Raymond Xerri**

**vs**

**Joseph Grech ghan-nom u *in rappresentanza* ta' Gasan Insurance Agency Limited u dina bhala agent u mandatarju tas-socjeta' estera General Accident Fire and Life Assurance Corporation Plc. ta' Perth Scotland**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur fit-28 ta' Settembru, 1995, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

L-attur huwa, *ossia* kien, il-proprjetarju ta' *speed-boat* tal-isem *Phantom* liema *speedboat* kienet munita b'makna

*Mercury 140 Hp* u kienet debitament registrata bin-numru *S 9851*;

L-istess kienet assikurata mal-konvenut *nomine* taht polza ta' assikurazzjoni numru *XMY/901245/GIA/05* u dana ghall-valur komplessiv ta' Lm5,330 (hamest elef, tlett mija u tletin lira maltin);

Ghall-habta tal-4 ta' Settembru, 1994 l-istess *speedboat* bil-mutur sfat nieqsa meta kienet parkeggjata gewwa *Triq il-Dejl, Hal-Ghaxaq*;

L-attur informa mill-ewwel b'dana *sia* lill-konvenut *nomine* kif ukoll lill-ghassa tad-Distrett;

L-*speedboat* kif munita baqghet qatt ma giet rintraccjata u s-socjeta' konvenuta, ghad li nterpellata, qeghda tirrifjuta li tonora l-obbligi taghha skond il-polza ta' assikurazzjoni numru *XMY/901245/GIA/05* liema polza kienet *in vigore* fil-mument tas-serqa;

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' Lm5,330 (hamest elef u tlett mija u tletin lira Maltin) u *cioe'* l-valur li fuqha kienet assikurat l-imsemmija *speedboat* kif munita skond il-polza ta' assikurazzjoni msemmija;

Bl-ispejjes tal-presenti u tal-ittra bonarja tas-17 ta' Awissu, 1995 kontra l-konvenut *nomine* li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine* li *in forza* taghha ecepixxa illi:

L-attur jrid jipprova l-allegazzjonijiet tieghu kollha u dan senjatament billi mil-investigazzjonijiet li saru mil-eccipjent *noe* ma irrizultawx.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-1 ta’ Dicembru, 1995, li *in forza* tieghu giet mahtura bhala perit legali Dr. Joselle Farrugia sabiex tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet, u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-24 ta’ Gunju, 1999, li *in forza* tieghu issostitwit ghall-perit legali Dr. Joselle Farrugia lil Dr. Joseph Azzopardi bl-istess fakoltajiet;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-24 ta’ Gunju, 2003, li *in forza* tieghu, peress li Dr. Joseph Azzopardi, gie elevat ghall-gudikatura, issostitwit ghalih lil Dr. Simon Micallef Stafrace;

Rat l-inkartament u l-verbali tas-seduti mizmuma mill-periti legali;

Rat id-deposizzjoni tax-xhieda mismugha mill-periti legali;

Rat ir-rapport ippresentat mill-perit legali fl-20 ta’ Jannar, 2005, u minnu mahluf fl-udjenza tal-25 ta’ Jannar, 2005;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din il-kawza tirrigwarda talba ghall-hlas tal-valur ta’ *speedboat* numru *S 9851* li kienet assikurata mas-socjeta’ konvenuta, u dan wara din allegatament giet misruqa fl-4 ta’ Settembru, 1994, waqt li l-istess dghajsa kienet parkeggjata gewwa *Triq id-Dejl, Hal-Ghaxaq*. Is-socjeta’ konvenuta ma kienetx accettat il-*claim* li kienet saret, peress li ma kienetx konvinta li verament kienet sehhet serqa. Meta insterqet, id-dghajsa kellha *insurance coverage* ghal-valur ta’ Lm5,330.

Wara li saret il-*claim*, is-socjeta' konvenuta bdiet tinvestiga l-kaz u sabet li l-attur kien precedentement ghamel tlett *claims* maghha fuq serq ta' *stereo* minn go karozza, fuq serq ta' vettura u fuq habta. Fid-dawl ta' dan, inkarigat *private investigator*, certu Joseph Zahra, biex jinvestiga l-kaz. Dan qal li tkellem ma' girien ta' omm l-attur, fejn l-attur kien halla d-dghajsa, u wiehed minnhom kien qallu li jiftakar li d-dghajsa kienet ghamlet xi zmien fit-triq, izda gurnata minnhom, dan il-gar ra lill-xi hadd *"which they think it was Scerri himself"* li gar l-istess *speedboat*. Fid-dawl ta' dan ir-rapport, is-socjeta' assikuratrici irrifjutat li tonora l-*claim*.

Il-Qorti taqbel mal-perit legali li l-informazzjoni li kellha f'idejha s-socjeta' assikuratrici ma kienetx bizzejjed biex hi tirrifjuta li thallas il-*claim*. Il-fatt li l-attur kien ghamel tlett *claims* ohra precedenti ma jfisser xejn ghax ma giex muri li dawk il-*claims* kienu frawdolenti, u lanqas ma jsegwi li la kien ghamel tlett *claims* precedentement, allura r-raba' wahda hi frawdolenti. Li dak li jkun jigih ftit dubju dwar il-kredibilita' tal-assikurat, forsi, *pero'*, la darba ma jirrizultax li xi wahda minn dawk il-*claims* kienu foloz, il-kumpanija assikuratrici ma kellhiex tkompli tirrifjuta li tonora l-*claim.*

Ghar-rigward tar-rapport ta' Joseph Zahra, din il-Qorti thoss li ma tistax taccetta bhala prova dak li hemm allegat fl-istess rapport. L-ewwel net l-investigatur innifsu ma jista jikkonferma xejn, u dan peress li hu ma jaf xejn *di scientia propria*, u il-gar li suppost ra lill-attur jiehu d-dghajsa ma giex prodott biex jixhed. Fit-tieni lok, dak li suppost ta' l-informazzjoni lill-investigatur, ma setghax jiftakar meta sehh dak li qal, u lanqas seta' jidentifika bil-precis minn kien li gar id-dghajsa. Skond is-Sur Zahra, il-gar qalli li hu *"jahseb"* li kien l-attur, *pero'*, ma setghax jghid b'mod konklussiv li kien l-attur.

Is-socjeta' konvenuta ghaddiet il-kaz f'idejn il-Pulizija biex dawn ukoll jaghmlu l-investigazzjonijiet taghhom, *pero'*, *da parti* taghhom, il-Pulizija wkoll ma kkonkludewx li kien sehh xi reat kriminali jew xi frodi, u ma ittiehdu ebda passi legali kontra l-attur.

Il-Qorti tara li s-suspetti li kellha s-socjeta' konvenuta ma gewx pruvati u baqghu biss suspetti jew dubji, li ma jistghux iwasslu biex iwaqghu dak li stqarr l-attur, u *cioe'*, li l-*speedboat in kwistjoni* li kienet registrata fuq ismu, fil-fatt, insterqet. *Kwindi* l-*claim* tal-attur ghandha tigi milqugha.

Ghar-rigward tal-valur tad-dghajsa, intwera li fit-3 ta' Gunju, 1993, kien sar *survey* taghha, u dghajsa minghajr mutur, giet stmata Lm2,200. Il-prezz tal-hull gdid kien ta' madwar Lm2,800, u s-*surveyor* qies li l-*ispeedboat* kienet kwazi gdida meta ra, u, ghalhekk, wasal ghal stima ta' Lm2,200. Il-magna originali tad-dghajsa (tal-marka *"Yamaha"*) kienet inbieghet lill-terzi mill-attur, u meta nsterqet kellha *outboard motor* iehor tat-tip *"Mercury"* li l-attur kien xtara fl-1 ta' April, 1994, bil-prezz ta' Lm2,600.

Wara li l-attur biddel il-mutur, hu kien informa lis-socjeta' konvenuta dwar dan, u r-*renewal* tal-polza ghas-sena li bdiet fil-31 ta' Mejju, 1994, saret ghad-dghajsa bil-magna l-gdida. Kien hemm ukoll *trailer* assigurat u li gie misruq ukoll mad-dghajsa; dan it-*trailer* kien stmat li jiswa' Lm480.

Ghalhekk, meta tqies id-*depreciation* fuq l-oggetti li nsterqu (ghalkemm ma kienx ghadda wisq zmien minn fuqhom), il-Qorti tqies li l-valur tal-oggetti li gew misruqa jammonta ghal Lm2,000 (ghal-hull) + Lm2,000 (ghall-mutur) + Lm450 (ghat-*trailer*): b'kollox Lm4,450.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u wara li tilqa' *in parte* it-talbiet tal-attur, tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' Lm4,450 (erba' t'elef, erba' mija u hamsin lira Maltin) *in linea* ta' danni.

L-ispejjes tal-kawza jithallsu kwantu ghal-kwint (1/5) mill-attur, u erba'-kwinti (4/5) mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------